MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 370/2010/2

**Saviour u Antoinette konjugi Micallef**

**v.**

**Bank of Valletta p.l.c**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat li l-atturi pprezentaw fil-15 ta' April, 2010, u li jaqra hekk:

"1. Illi Saviour Micallef nhar id-9 ta' Settembru 2009 kien akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fost affarijiet ohra li wettaq atti ta' money laundering (kopja hawn immarkata Dok. "SM 1").

"2. Illi fl-istess data, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja *ai termini* tal-**Art. 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod generali, il-flejjes u l-proprjeta' mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lil Saviour Micallef jew li jkunu proprjeta' tieghu u pprojbiet lill-imsemmi Saviour Micallef milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli.

"3. Illi kopja ta' dan id-digriet gie ppublikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Settembru 2009 filwaqt li saret komunikazzjoni tal-istess digriet lid-Direttur tar-Registru Pubbliku f'Malta u dak gewwa Ghawdex sabiex issir id-debita nota fir-Registru Pubbliku nhar il-15 ta' Settembru 2009 [kopja annessa u mmarkata Dok. "SM 2"].

"4. Illi ghalhekk wara t-9 ta' Settembru 2009, kull trasferiment u bejgh tal-proprjeta` immobli tal-esponenti kien pprojbiet u per konsegwenza null;

"5. Illi minkejja dan, il-Bank intimat nhar is-26 ta' Novembru 2009 ipprezenta rikors ghal bejgh b'subbasta tas-segwenti proprjeta`:

“a) Id-dar numru tnejn u erbghin (42), bl-isem ‘San Nikola Di Bari’ fi triq id-Difa, Siggiewi, suggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta’ mitejn u sitta u tmenin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€286.51) bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha; u

“b) L-ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi, kontrada ‘Ta’ Haxluq’ jew ‘Ta’ Xuraff u hekk ukoll imsejha, tal-kejl superficjali ta’ circa tlett elef, hames mija u erbgha u sebghin punt erbgha sebgha metri kwadri (3574.47 mk) ghandha bir tal-ilma li jintuza wkoll minn terzi u kamra tikkonfina mill-Grigal mat-Triq, mill-Majjistral ma’ beni ta’ Carmelo Vassallo u mil-Lbic in parti ma’ raba ta’ Carmelo Vassallo u in parti ma’ raba’ tal-eredi ta’ Giuseppe Zammit jew l-aventi kawza jew irjieh verjuri, libera u franka mill-hlas ta’ cnus u pizijiet, bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha;

“6. Illi l-fatti elenkati f’premessa 1 sa 5, ngiebu a konoxxenza tal-bank intimat permezz ta’ nota pprezentati fl-atti tal-bejgh bl-irkant mill-esponenti u notifikata lill-istess bank nhar il-5 ta’ Marzu 2010 [kopja annessa u mmarkata Dok SM 3];

“7. Illi l-bank intimat xorta wahda pproceda bl-atti tal-bejgh bl-irkant;

“8. Illi l-provvedimenti tal-Att dwar il-Money Laundering u l-Kodici Kriminali huma tassattivi u kwindi l-bejgh bl-irkant numru 82/09 fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Saviour Micallef et konkluz nhar it-23 ta’ Marzu 2010 huwa null u bla effett fil-ligi;

“9 Illi ghalhekk r-rikorrenti jixtiequ jimpunjaw l-atti tas-subbasta 82/09 fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Saviour Micallef et;

“Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat ma setax jipprocedi bil-bejgh bl-irkant tal-proprjetajiet indikati u li proceduri segwiti huma irriti u nulli.

“2. Tiddikjara li l-bejgh bl-irkant numru 82/09 fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Saviour Micallef et huwa null u bla effett fil-ligi.

“U dan taht dawk il-partijiet u l-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

“Bl-ispejjez kontra l-intimat li r-rapprezentanti tieghu huma minn issa ngunti in subizzjoni. B’riserva ta’ kull azzjoni ultejrui fil-ligi spettanti lir-rikorrenti.”

Rat ir-risposta guramentata tal-bank konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Illi, preliminarjament jigi eccepit illi mhux moghti dan ir-rimedju lill-atturi gialadarba huma kienu pjenament konsapevoli mill-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) *ai termini* tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering Kap. 373 tal-Ligijiet u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qabel id-data tal-bejgh in subbasta u dan kif pjenament jirrizulta anke mill-istess Rikors Promotur l-atturi ghazlu illi kull ma jaghmlu fl-imsemmi atti huwa li jipprezentaw nota.

“Illi, gialadarba ma utilizzawx ir-rimedju illi taghtihom il-Ligi biex jitolbu sospensjoni tas-subbasta jigi umilment sottomess illi ma jistghux issa jintavolaw din il-kawza biex jippruvaw jattakaw il-proceduri tas-subbasta.

“2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talba attrici hija guridikament inammissibbli, inattendibbli u infondata *stante* illi l-bejgh in subbasta ma sarx, kif imsemmi fir-Rikors Guramentat, mis-socjeta` konvenuta imma kien bejgh mizmum taht l-Awtorita’ ta’ din l-Onorabbli Qorti u b’Ordni tal-istess Onorabbli Qorti. Din l-Onorabbli Qorti ghandha kull dritt tidderoga mill-provvedimenti tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Hija inawdibbli l-pretensjoni attrici illi bazikament hija msejsa fuq is-sottomissjoni illi din l-Onorabbli Qorti kienet inabilitata milli tordna l-bejgh in subbasta gialadarba l-Qorti tal-Magistrati harget ordni taht l-artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet u taht l-Artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet

"3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, din is-subbasta nzammet biex jigi sodisfat debitu tal-atturi mas-socjeta' konvenuta bhala kreditrici *in buona fede* u rigward debitu illi sar qabel ma harget l-ordni *ai termini* tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

"4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, m'hemm xejn fl-atti tal-bejgh in subbasta nru. 82/09 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Saviour Micallef et" li huwa null u nvalidu fil-Ligi u nvece dawk l-atti kif ukoll l-istess liberazzjoni ghandhom pjena validita fid-dritt.

"Illi dwar dak imsemmi fl-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitta, is-sebgha, it-tmienja u disa' premessa l-attur ghandhom jekk jidhrilhom igibu l-provi.

"Illi dwar dak imsemmi fil-paragarfu hamsa, l-esponenti tixtieq taghmel riferenza ghall-atti tas-subbasta numru 82/09.

"L-esponenti taf bil-fatti kif fuq imsemmija personalment."

Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru, 2011, li in forza taghha cahdet it-talbiet tal-atturi ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-atturi;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jitolbu li l-atti tas-subasta numru 82/09 fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Saviour Micallef et jigi ddikjarati nulli u bla effett peress li dawn ma setghux isiru in vista tad-digriet moghti mill-Qorti tal-

Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja datat 9 ta’ Settembru 2009 fil-kors tal-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Saviour Micallef”, fejn ai termini tal-**artikolu 5 tal-Kap. 373 u tal-artikolu 23A tal-Kap. 9** gew sekwestrati l-mobbli u flejjes tal-attur f’idejn terzi persuni, u wkoll l-akkuzat gie inibit milli jittrasferixxi, jippoteka jew xort ohra jiddisponi minn xi proprjeta’ mobbli jew immobbli kollox kif provdut fl-istess artikolu tal-**Kap. 373.**

“Illi jirrizulta li l-Bank konvenut kellu kreditu kontra l-atturi u kontra s-socjeta’ “The Veg Point Limited” naxxenti minn kuntratt ta’ kostitutuzzjoni ta’ debitu datat 1 ta’ Dicembru 2006 (Dok. “A” – fol. 41), u l-bank agixxa permezz ta’ ittra ufficjali datata 18 ta’ Novembru 2009 kontra l-atturi ghall-hlas ta’ €232,454.47, u wara sar rikors in subasta datat 26 ta’ Novembru 2009 (fol. 38) kontra l-atturi fuq iz-zewg proprjetajiet imsemmija f’paragrafu 5 tar-rikors guramentat, u s-subasta giet appuntata ghat-23 ta’ Marzu 2010 (fol. 82) u jirrizulta li l-atturi bl-ebda mod ma ttentaw iwaqqfu l-istess subasta, ghaliex kull ma pprezentaw kien biss nota datata 25 ta’ Frar 2010 fejn gabu a konjizzjoni tal-Qorti bid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tad-9 ta’ Settembru 2009 u fil-fatt l-istess subasta tkompliet u l-istess proprjeta’ giet liberata favur il-Bank b’digriet datat 23 ta’ Marzu 2010 (fol. 136) u sar rikors mill-Bank esekutant sabiex tigi approvata cedola ta’ kompensazzjoni li giet milqugha b’digriet datat 3 ta’ Gunju 2010 (fol. 189), wara risposta da parte tal-atturi odjerni li kienu opponew ghall-istess talba. Rikors tal-atturi datat 15 ta’ April 2010 gie michud b’digriet datat 3 ta’ Gunju 2010 minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri.

“Illi mill-atti tal-kawza jidher li l-atturi qed jippretendu li l-ordni li inghat mill-Qorti tal-Magistrati kompetenti a bazi tal-**artikolu 5 tal-Kap.373 u tal-artikolu 23 A tal-Kap. 9** kienet timpedixxi lill-Bank konvenut milli jagixxi sabiex jesegwixxu li l-kreditu li kellhu kontra l-atturi naxxenti minn kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu li gie ppublikat qabel ma’ inghatat tali ordni; izda din il-Qorti certament li ma tistax taqbel ma’ dan ghaliex l-ordni tal-Qorti kienet tolqot, skond it-termini tal-ligi stess, lill-istess atturi u li terzi persuni li jaghmlu xi trasferiment fuq l-istess immobbli, izda mhux li l-Qorti tagixxi skond il-ligi fuq rikjesta ta’ xi parti, nkluz terza persuna kreditrici tal-istess atturi, li kellha garanzija reali fuq l-istess immobbli, sabiex tipprocedi b’atti tas-subasta. Huwa fil-fatt probabli ghalhekk li l-atturi stess lanqas biss opponew li ssir l-istess subasta u din il-Qorti thoss li d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 5 tal-Kap. 373** bl-ebda mod ma jimpedixxu lill-Qorti Civili milli tagixxi skond il-ligi fuq talba ta’ kreditur esekutant sabiex tipprocedi bl-atti tas-subasta fuq proprjeta’ tal-atturi. Taht l-istess konsiderazzjonijiet jinghad li l-bank konvenut bl-ebda mod ma huwa impedut bl-istess ordni li jadixxi lill-Qorti sabiex jesegwixxi l-kreditu li

kellhom kontra l-atturi. B'hekk din il-Qorti thoss li l-azzjoni attrici hija bla ebda fondament legali kwalunkwe peress li tali ordni bl-ebda mod ma tolqot proceduri gudizzjarji u ordnijiet tal-Qorti Civili bhal dik odjerna u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda ghaliex huma bla ebda bazi legali tant li l-Qorti tikkonsidra l-istess bhala frivoli.

"Illi ma` dan jizdied jinghad ukoll li l-fatt li l-atturi odjerni ma offrew l-ebda opposizzjoni fl-istess proceduri tas-subasta *ut sic* (hlief ghat-talba tal-Bank konvenut ghall-approvazzjoni tal-kompensazzjoni), u allura l-atturi ma jistghux, wara li hallew tali subbasta tigi konkluza, jagixxu b'kawza sabiex din il-Qorti tiddikjara l-istess subbasta, bl-atti ta' liema kienu notifikati, nulla u bla effett u dan ghaliex huma ma agixxewx tempestivatament fl-istess proceduri.

"Illi jekk tmur pass oltre, din il-Qorti thoss li *in kwantu* relevanti hija taqbel mal-applikazzjoni tal-principju *"nemo aditur in iure turpitudinem suam allegans"* imsemmi mill-Bank intimat biss in kwantu l-istess bejgh in subasta jista' b'xi mod u biss ghall-grazzja tal-argument (izda qatt koncess) jigi kkonsidrat bhala bejgh da parte tal-atturi (haga li din il-Qorti ma taqbilx maghha) u dan ghaliex ma hemm l-ebda dubju li l-atturi, li issa qed jghidu li s-subbasta saret b'mod illegali, qatt ma qajjmu dan il-punt fl-atti tas-subbasta, u hallewha tipprocedi u huwa biss issa u permezz ta' din il-kawza li qed jittentaw jottjenu dikjarazzjoni ta' nullita'; nullita' ta' att li huma allura ppartecipaw fih – izda dan biss qed jinghad *obiter* ghaliex fil-verita' din il-pendenza gja giet rizolta bl-enuncjazzjoni f'din id-decizjoni li tali ordni tal-Qorti tal-Magistrati kompetenti mehuda skond l-artikoli relattivi tal-ligijiet imsemmija ma hija ta' ebda ostakolu ghall-atti in subasta fuq l-istess immobbli mehuda mill-Qrati Civili fuq domanda tal-Bank intimat."

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

"… … … thassar tirrevoka u tannulla s-sentenza deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 2011 Rikors Mahluf 370/2010 fl-ismijiet Saviour u Antoinette konjugi Micallef v. Bank of Valletta plc billi previa li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Bank konvenut."

Rat ir-risposta tal-bank konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta illi l-appell ghandu jigi rigettat bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi jirrizulta illi l-attur qed jigi akkuzat quddiem il-qrati kriminali ai termini tal-Att kontra l-Money Laundering (Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta) u ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Qorti li qed tisma' l-kaz harget ordni ta' frizar fil-konfront tal-assi tieghu, u ipprojbiet lill-imsemmi attur milli jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli.  Wara l-pubblikazzjoni ta' din l-ordni, il-bank konvenut, kreditur tal-atturi, talab u ottjena l-awtorizzazzjoni mill-Qrati Civili ghall-bejgh b'subbasta ta' dar u ghalqa fis-Siggiewi proprjeta` tal-atturi; il-bejgh bl-irkant gie konkluz fit-23 ta' Marzu, 2010.  L-atturi qed jallegaw li in vista tal-ordni mahruga mill-Qorti Kriminali, il-bejgh li sar huwa null u bla effett fil-ligi.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici wara li osservat li l-ordni tal-Qorti Kriminali ma tolqotx proceduri gudizzjarji u ordnijiet tal-Qrati Civili, u li l-atturi kienu wkoll in mala fede peress illi tul il-procedura tal-bejgh tal-proprjeta`, l-istess atturi ma qajmux dan l-aggravju fl-atti tas-subbasta, u hallew il-proceduri jitkomplew sal-ahhar.

L-atturi appellaw mis-sentenza u ressqu zewg aggravji: wiehed fejn qed jattakkaw l-interpretazzjoni tal-ligi li ghamlet l-ewwel Qorti, u t-tieni biex jikkontestaw is-sejbien ta' mala fede mill-ewwel Qorti.

Trattat l-appell, din il-Qorti tiddikjara illi hi taqbel mas-sentenza tal-ewwel Qorti. Il-projbizzjoni imposta kienet unikament fuq l-istess atturi biex dawn ma jghaddux xi proprjeta` lil terzi, ordni li ghandha effett anke fil-konfront ta' terzi. Din l-ordni tinibixxi lill-atturi milli jitrasferixxu l-proprjeta` taghhom, pero`, ma zzomm lill-ebda qorti, anke dawk b'kompetenza civili, milli jordnaw u/jew jawtorizzaw il-bejgh ta' xi proprjeta` milquta b'dik l-ordni. Il-Kap. 373 imkien ma jghid dan u ma jikkontjeni ebda dispozizzjoni li jawtorizza lill-Qorti Kriminali li tkun harget l-ordni tordna l-bejgh ta' xi proprjeta` fuq istanza ta' kreditur. Ma hemm xejn fl-ordni li timblokka procedura ezekuttiva mill-kreditur kontra d-debitur/akkuzat, u bejgh forzuz b'subbasta taht l-Awtorita` tal-Qorti ma hijiex ekwivalenti ghal trasferiment tal-proprjeta` mill-akkuzat. Ix-xenarju legali huwa

differenti.

B'anologija, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Borg v. Fenplay Ltd. et**, deciza fis-16 ta' Ottubru, 2014, fis-sens illi:

> "(a) Il-mandat ta' inibizzjoni numru 1441/2009 kien jinibixxi lil Vincent Etienne Vella u Emanuel Vella milli jitrasferixxu b'titolu oneruz jew gratuwitu l-vettura Honda Pass RWD 420. Il-bejgh bl-irkant sar fuq ordni tal-qorti u mhux inizzjattiva ta' Vella.
>
> "(b) Mandat ta' inibizzjoni hu ta' natura kawtelatorja. M'hemm l-ebda provvediment fil-ligi li jipprojbixxi l-bejgh bl-irkant fuq ordni tal-qorti ta' oggett milqut minn mandat kawtelatorju. Mandat ta' inibizzjoni hi ordni fuq l-intimat."

L-ordni ta' frizar mahruga minn qorti kompetenti jista' ghandha effetti differenti minn mandat ta' inibizzjoni, pero`, japplika l-istess principju li dawk l-ordnijiet ma jzommux il-bejgh li jsir fuq ordni tal-Qorti.

Bejgh taht l-awtorita` tal-Qorti ma hux bejgh volontarju mis-sid tal-proprjeta`, u nonostante ordni tal-iffrizar tal-assi, kull qorti tista' tawtorizza li bejgh isir taht l-awtorita` taghha. Ovvjament, jekk hemm kredituri ohra, ir-rikavat mill-bejgh irid jigi depozitat ukoll taht l-awtorita` tal-Qorti bir-rilaxx isir skont kif tawtorizza l-qorti wara d-debiti proceduri. Il-fatt li l-bank konvenut beda l-procedura tas-subbasta ma jfissirx li ghandu vantagg fuq kredituri ohra (ara **Bank of Valletta**

**plc v. Attard**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' April 2004). Ghalhekk, meta jkun hemm ordni ta' frizar bhal din in kwistjoni, u qorti civili tawtorizza il-bejgh ta' xi proprjeta` milquta bl-ordni, ir-rikavat "jiehu post" il-proprjeta` mibjugha, u l-flus iridu jigu depozitati u jitqiesu milquta bl-ordni relattiva tal-Qorti Kriminali. Qorti b'kompetenza civili tista' tawtorizza l-bejgh ta' proprjeta` milquta b'ordni ta' frizar, pero`, ir-rilaxx tal-flus jiddependi mill-Qorti li harget dik l-ordni. Is-sostituzzjoni tal-oggett maqbud – flus flok proprjeta` – ma jinnewtralizzax il-poter tal-qorti li tkun harget dik l-ordni fuq l-istess haga maqbuda.

Fil-kuntest tat-tieni aggravju tal-atturi, l-ilment illi huma ma ghandhomx jitqiesu in mala fede ghax il-proceduri kriminali kontra l-attur ghadhom pendenti, mhux veritjier, ghax l-ewwel Qorti sabet lill-atturi in mala fede mhux ghax l-attur allegatament ikkommetta reat, izda ghax tul il-procedura civili ghall-bejgh bis-subbasta tal-proprjeta` l-atturi f'ebda mument ma talbu lill-Qorti Civili tikkunsidra dan l-aggravju; anzi, ippartecipaw fil-procedura, u kien biss wara li sar il-bejgh li ressqu din il-procedura biex jippruvaw jannullaw il-procedura tas-subbasta. Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti osservat illi *nemo aditur in iure turpitudem suam allegans*, principji konformi mal-ordinament guridiku Malti. F'kull kaz, l-ewwel Qorti stess qalet illi l-pronuncjament li ghamlet f'dan il-kuntest ghamlitu biss *obiter*, ghax il-konkluzjoni principali taghha hi l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati kompetenti ma hija ta' ebda ostakolu ghall-atti in subbasta fuq l-istess immobbli mehuda mill-qrati civili fuq domanda tal-bank konvenut.

Din il-Qorti taqbel ma’ din il-konkluzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi konjugi Micallef billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-atturi appellanti in solidum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------